MINISTERU TAL-AFFARIJIET BARRANIN | MINISTRY OF FOREIGN AFFAIRS

MALTA

# Kunsill għall-Maltin li jgħixu barra minn Malta

# Rapport - Settembru 2012-Frar 2013

(1) Direttorat

Skont artiklu 8(1) tal-Att Nru. XX tal-2011 – Att dwar Kunsill għall-Maltin li jgħixu barra minn Malta; twaqqaf Direttorat responsabbli għall-Maltin li jgħixu barra minn Malta. Dr Raymond C. Xerri nħatar bħala l-ewwel Direttur ta' dan id-Direttorat. L-għan ta' dan id-direttorat huwa li jippromovi u jħares id-drittijiet u l-interessi tal-Maltin li jgħixu barra minn Malta. Id-Direttorat għandu jservi bħala punt ċentrali għal tagħrif, pariri u koordinazzjoni għall-Maltin li jgħixu barra minn Malta u kull assoċjazzjoni li tkun qiegħda tirrappreżenta Maltin li jgħixu barra minn Malta jew organizzazzjonijiet mhux governattivi li jkunu inklużi fir-Registru skont artiklu 10(1) tal-Att Nru. XX tal-2011. Mistenni li jkun hemm diskussjonijiet wiesa' bejn id-direttorat u l-Kunsill għall-Maltin li jgħixu barra minn Malta u l-Kunsill, biex jinħolqu proċeduri li jiżguraw li jkun hemm sinerġija sħiħa bejn il-Kunsill u d-Direttorat.

(2) Websajt

Wieħed mill-bżonnijiet li ġew identifikati bħala bżonn li għandu jieħu prijorità, kemm fl-ewwel laqgħa tal-Kunsill f'Settembru 2012 u anki fl-aħħar *videoconference* li saret fil-5 ta' Frar 2013, huwa il-bżonn li l-Kunsill ikollu websajt tiegħu. Huwa maħsub li dan il-websajt ikun fih l-aktar informazzjoni kurrenti f'dak li għandu x'jaqsam mal-liġijiet Maltin, aħbarijiet, artikli u programmi kulturali *on demand* u artikli u programmi ta' attwalità. Il-Kunsill iħoss li dan il-websajt huwa ta' importanza partikulari għax jgħin biex jiffaċilità ż-żamma tal-identità kulturali u lingwistika tal-komunitajiet Maltin barra minn Malta. Huwa maħsub li b'dan il-websajt ikun qed jiġi ffaċilitat s-sehem taċ-ċittadini Maltin li jgħixu barra minn Malta fil-ħajja politika, soċjali, ekonomika u kulturali ta' Malta, kif maħsub f'artiklu 20A tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Qed isir sħarriġ dwar il-possibilità li dan il-websajt ikun parti mill-websajt tal-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u li jiġu allokati fondi għat-twaqqif ta' dan il-websajt.

(3) Pjan Strateġiku

Bħala parti mit-twettiq ta' pjan strateġiku, kien hemm qbil fost il-membri tal-Kunsill li ħadu sehem fil-*videoconference* li saret fil-5 ta' Frar 2013 li r-rapport "Bidu Ġdid-Kunsill għall-Maltin li jgħixu barra minn Malta l-ewwel laqgħa – Settembru 2012" jiġi mqassam lid-dipartimenti u entitajiet kollha tal-Gvern biex ikun magħruf aktar ix-xogħol, il-funzjonijiet,u r-responsabilitajiet tal-Kunsill. Il-ktejjeb "Bidu Ġdid....."jinkorpora wkoll l-Att XX 2011 li f'artiklu 4(a) jispeċifika ċar li l-Kunsill huwa responsabbli li jagħti pariri lill-Ministru dwar kull Abbozz ta' liġi mressaq fil-Kamra li direttament jew

indirettament jolqot id-drittijiet, il-jeddijiet jew l-interessi tal-Maltin li jkunu jgħixu barra minn Malta. F'artiklu 3 (3)(k) l-Att jispeċifika li l-Kunsill għandu jiġi konsultat, u jagħti l-kontribut tiegħu, fit-tħejjija tal-liġijiet jew miżuri amministrattivi ta' Malta li jolqtu l-komunitajiet Maltin li jgħixu barra minn Malta. Huwa ttamat li bit-tqassim tal-Att inkorporat fil-ktejjeb "Bidu Ġdid..." jinħoloq aktar għarfien fost uffiċjali fid-dipartiment u l-entitajiet tal-Gvern tal-obbligi tagħhom taħt l-Att Nru.XX tal-2011.

(4) Informazzjoni

Fl-ewwel laqgħa tal-Kunsill f'Settembru 2012 ġie identifikat il-bżonn ta' aktar informazzjoni aċċessibbli għall-Maltin li jgħixu barra minn Malta, f'diversi setturi bħalma huma: informazzjoni dwar il-jeddijiet u benefiċċji li jista' jkollhom il-Maltin li jgħixu barra minn Malta speċjalment dawk li jgħixu f'pajjiżi bħall-Awstralja, il-Kanada u l-Amerika li huma pajjiżi barra miż-żona tal-Ewropa, informazzjoni bażika fuq liġijiet Maltin bħas-servizzi soċjali eċċ; informazzjoni dwar iċ-ċittadinanza għat-tieni u t-tielet ġenerazzjonijiet eċċ.

Sar stħarriġ dwar il-possibilità li din l-informazzjoni titqassam permezz ta' fuljetti li jkunu aċċessibbli f'Ambaxxati, Konsulati u l-għaqdiet tal-Maltin. Minħabba l-ammont ta' fuljetti li jkun hemm bżonn għal proġett bħal dan, jidher li l-ispiża tista' tkun konsiderevoli. Jidher li jekk din l-informazzjoni tkun tista' titqiegħed fuq il-websajt tal-Kunsill meta din tibda tiffunzjona, dan il-proġett jista' jkun aktar fattibbli.

(5) *Europeans Throughout The World Association*

Fil-*videoconference* tal-5 ta' Frar 2013 kien hemm qbil li l-Kunsill japplika biex jissieħeb mal-"*Europeans Throughout the World Association*" din l-applikazzjoni ġiet aċċettata. Saret stedina lill-membri tal-Kunsill biex dawk li huma interessati li jirrappreżentaw il-Kunsill fil-laqgħat ta' din l-assoċjazzjoni jinfurmaw lis-segretarja tal-Kunsill biex jitpoġġew fuq *roster* biex ikunu jistgħu jalternaw fl-attendenza tal-laqgħat. S'issa tliet membri tal-Kunsill infurmaw lis-segretarja li huma interessati li jirrappreżentaw lill-Kunsill f'dawn il-laqgħat.

(6) Reġistru ta' organizzazzjonijiet

Artiklu 10(1) tal-Att XX tal-2011 jistipula li għandu jinżamm Reġistru ta' organizzazzjonijiet mhux governattivi mwaqqfa barra min Malta li jkunu involuti fil-promozzjoni u l-ħarsien tal-interessi tal-Maltin li jgħixu barra minn Malta kif ukoll Reġistru ta' Maltin prominenti li jgħixu barra minn Malta li jkunu ddistingwew ruħhom fil-professjoni, vokazzjoni jew xogħol rispettiv tagħhom barra minn Malta.

Dawn ir-reġistri għandhom jinżammu l-Uffiċċju tal-Kunsill u għandhom ikunu r-responsabbilità tas-segretarja/u (artiklu 10 (2) Att XX tal-2011).

L-inklużjoni, l-esklużjoni, u t-tneħħija ta' organizzazzjoni jew individwu mir-Reġistru għandha tkun ir-responsabbilità unika tal-Kunsill (artiklu 10(3) tal-Att XX tal-2011).

Għal dan il-għan qiegħda ssir ħidma biex tinġabar f'post wieħed l-informazzjoni dwar l-organizzazzjonijiet tal-Maltin li jgħixu barra minn Malta, biex ikun jista' jibda il-proċess ta' evalwazzjoni, biex dawn l-għaqdiet jitpoġġew fuq ir-reġistru skont artiklu 10 tal-Att XX tal-2011.

(7) Konvenzjoni għall-Maltin li jgħixu barra minn Malta.

Fit-tieni laqgħa tal-Kunsill permezz ta' *video conference* fi Frar 2013, il-membri tal-Kunsill approvaw li din il-Konvenzjoni għandha ssir kull ħames snin u li l-konvenzjoni li jmiss għandha ssir fis-sena 2015. Waqt l-istess laqgħa l-membri elenkaw diversi suġġeriment fuq kif għandha ssir din il-konvenzjoni, fosthom li:

(i) Dokumenti u proposti, li jkun hemm qbil dwarhom, minn sena għall-oħra waqt id-deliberazzjonijiet tal-Kunsill jinġabru f'dokument wieħed, aġġornat, biex iwassal għall-Konvenzjoni għall-Maltin ta' Barra (2015). Id-dokument "Bidu Ġdid...." li qed jiġi mehmuż ma' dan ir-rapport huwa l-ewwel wieħed li fuqu jkomplu jiżdiedu r-rapporti futuri, l-aġġornamenti tagħhom, biex ikun iffurmat dokument wieħed aġġornat li jwasssal għall-konvenzjoni (2015).

(ii) Li l-preparamenti għall- konvenzjoni għandhom jibdew kmieni kemm jista' jkun, speċjalment li tiġi ffissata d-data biex ikun jista' jsir programm ta' ħidma koordinat ma' din id-data.

(iii) Is-suġġetti għandhom ikunu wiesa' kemm jista' jkun u jinkludi aktar liż-żgħażagħ.

(iv) Il-qofol tal-programm għandu jkun koordinat u ppjanat mill-Kunsill flimkien mal-għaqdiet tal-Maltin u l-Ministeru għall-Affarijiet Barranin.

(v) Il-membri tal-Kunsill u membri prominenti tal-għaqdiet tal-Maltin għandhom ikunu involuti bħala *chairs* jew *co-chairs* fis-seduti tal-Konvenzjoni.

(8) Servizzi Konsolari

Fl-ewwel laqgħa tal-Kunsill f'Settembru 2012 saru diversi interventi dwar id-diffikultajiet kbar li qegħdin jiffaċċjaw il-Maltin li jgħixu barra min Malta, speċjalment fil-pajjiżi kbar bħall-Awstralja, il-Kanada u l-Amerika mad-dħul tal-passaporti biometriċi. Waħda mill-proposti li saru kienet li l-konsulati jkollhom *Mobile Units.* Il-Ministeru għall-Affarijiet barranin qed jistħarreġ il-possibiltà li jixtri diversi *Mobile Units* iżda dawn il-*Mobile Units* iridu jkunu adattabli /aġġustati biex jintużaw għall-ħruġ ta' passaporti. Fuq dan is-suġġett qiegħda ssir aktar diskussjoni mill-membri tal-Kunsill u qed isir aktar stħarriġ, biex jinstabu soluzzjonijiet aktar fattibbli bħall-possibilità li jsir xi ftehim ma' nazzjonijiet oħra li diġa` għandhom dan is-servizz biex kemm jista' jkun jitnaqqsu l-ispejjeż.

(9) L-Istitut Kulturali Malti

Sar studju dettaljat minn membri tal-Kunsill dwar ir-regolamenti għat-twaqqif tal-Istitut Kulturali Malti li pproponew diversi emendi għal abbozz t'Avviż Legali ppreżentat. Dawn il-proposti ntbagħtu lill-MTA.

Dawn l-emendi mhumiex qed jiġu mehmuża ma' dan ir-rapport għax il-membri jħossu li l-emendi għadhom fi stadju preliminarju u għad trid issir aktar diskussjoni fuqhom.

(10) Fondi mill-Unjoni Ewropea

Fil-laqgħa ta' Settembru il-membri tal-Kunsill iddiskutew il-possibilità li l-Kunsill ikun jista' jistħarreġ dwar xi fondi mill-Unjoni Ewropea biex jiġu ffinanzjati proġetti għaż-żamma tal-kultura u l-lingwa Maltija fost il-komunitajiet Maltin li jgħixu barra. Dan sar fi sfond li fil-qagħda tagħna bħala pajjiż

gżira żgħira, iżolat u b'popolazzjoni żgħira hemm riskji serji ta' telf tal-lingwa u kultura fost il-Maltin li jgħixu barra minn Malta. Il-Kunsill, li huwa inkarigat biż-żamma tal-lingwa u kultura Maltija, biex ikun jista' jaqdi dan l-inkarigu għandu bżonn il-fondi. Jidher minn stħarriġ li sar mal-MEUSAC li hemm xi diffikultajiet biex il-Kunsill ikun jista' japplika għall-fondi. Qed isir aktar studju biex tinstab xi soluzzjoni.

(11) Uffiċċju Tal-Kunsill

Fil-laqgħa ta' Settembru ġie diskuss il-bżonn li jkun hemm uffiċċju tal-Kunsill li jkun jista' jintuża minn membri tal-Kunsill li jkunu Malta bejn laqgħa u oħra tal-Kunsill. Kien deċiż li s-segretarja tal-Kunsill għandha tiġi avviċinata biex tagħmel arranġamenti biex dawn il-membri jkunu jistgħu jagħmlu appuntamenti u laqgħat ma' xi uffiċċjali fil-Ministeru għall-Affarijiet Barranin.

Qed isir stħarriġ biex isiru arranġamenti aktar permamenti, biex jinstab spazju f'xi bini governattiv li l-membri tal-Kunsill jistgħu jużaw is-sena kollha.

(12) Laqgħat tal-Kunsill

Bejn laqgħa u oħra bejn Settembru u t-tieni laqgħa fi Frar, il-membri baqgħu f'kuntatt ma' xulxin permezz tal-imejls fejn ġew diskussi diversi suġġetti fosthom il-kwistjoni tal-ħin imnaqqas ferm li ġie allokat għax-xandir lill-Maltin mill-SBS radio fl-Awstralja fejn intervjenew iċ-Ċerperson Dr Francis Zammit Dimech kif ukoll il-Kummissarju Għoli Malti fl-Awstralja, flimkien mal-għaqdiet stabbiliti Maltin fl-Awstralja speċjalment il-Kunsilli tal-komumità ta' NSW u l-Victoria, il-midja Maltija u oħrajn. Dawn id-diskussjonijiet servew biex id-diriġenti tal-SBS irrevedew il-pożizzjoni inizjali tagħhom u minflok is-sagħtejn fil-ġimgħa li kienu qegħdin jallokaw għall-programmi bil-Malti żiedu l-allokazzjoni għal erba' siegħat fil-ġimgħa. Fid-diskussjonijiet ġew diskussi ukoll l-allokazzjoni ta' *air time* fuq it-televiżjoni għall-programmi bil-Malti fejn jidher li hemm possibilitajiet tajba li jiżdiedu il-programmi bil-Malti fuq it-televiżjoni.

*Konklużjoni*

Peress li l-Kunsil għadu fl-ewwel xhur tiegħu u peress li kien għadda aktar minn nofs l-2012 meta l-Att daħal fis seħħ, u anki peress li mill-ewwel laqgħa tal-Kunsill f'Settembru kien hemm tibdil tal-President tal-Kunsill, l-aktar li kien hemm x'jiġi rrapurtat għal din is-sena kienet il-laqgħa ta' Settembru, l-*video conference* li saret fi Frar u xi diskussjonijiet oħra importanti li saru bejn il-membri permezz tal-imejls. Matul l-ewwel laqgħa kienu identifikati ħafna diffikultajiet li jiffaċċjaw l-Maltin li jgħixu barra min Malta u punti li fuqhom tista' ssir ħidma tul il-perjodu ta' mandat ta' dan il-Kunsill (2012-2015).

Il-membri tal-Kunsill ħadmu wkoll u ppreparaw l-Aġenda għal-laqgħa li jmiss li trid issir f'Malta.

*Rapport preparat minn Dr Gejtu Pace u ġie approvat mill-membri kollha tal-Kunsill*

*Dan ir-Rapport huwa estensjoni tal-pubblikazzjoni "Bidu Ġdid-Kunsill Għall-Maltin li Jgħixu Barra minn Malta" li jinsab mehmuż*